Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Rikors Numru. 40/2000/1

Rikors Nru: 40/2000

Agent Kummissarju ta' l-Art

vs

Josephine Debattista, Giovanni Debattista

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fl-1 ta' Awissu, 2000 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 22 ta' Gunju, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art tal-kejl ta' madwar 4,302 metri kwadri li tinkludi tlett ibjar, zewgt ikmamar u kamra gdida, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Fortunata Abela u

ohrajn, mill-grigal ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Mercieca u mix-xlokk ma’ triq pubblika mill-liema art l-intimati jippossjedu bicca art tal-kejl ta’ madwar 281.74 metri kwadri, li tmiss mill-lvant u mill-punent ma’ triq pubblika u mit-tramuntana u minn nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Giuseppi Mercieca huwa ta’ mija u dighsin lira Maltin (Lm190) kif jidher mir-rapport tal-perit Fred. H Valentino A&CE tat-28 ta’ Jannar 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra li l-intimati pprezentaw ir-risposta taghhom fit-12 ta’ Lulju, 2000 fejn esponew:

Illi bil-prezenti Josephine Debattista u Giovanni Debattista ghal kull interess li jista’ jkollhom, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-avviz ghall-ftehim pprezentat mill-intimat fit-22 ta’ Gunju, 2000, jiddikjaraw li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri tal-art in kwistjoni m’huwiex accettabbli u l-ammont ta’ kumpens mitlub mill-mittenti huwa ta’ elfejn lira (Lm2000) u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tal-perit artikett Paul Camilleri hawn anness bhala Dok A.. Ghal kull buon fini, qed jigi dikjarat li l-art in kwistjoni tappartjeni lill-mittenti Josephine Debattista bhala proprjeta’ parafernali taghha.

Tant biex taghraf tirregola ruhek.

Thallas l-ispejjez tal-prezenti.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. B'digriet tal-15 ta' Dicembru 2000 gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

2. Il-perit Frederick Valentino li ghamel l-istima ghar-rikorrent xehed li l-art hi agrikola li fix-xhieda tieghu fisser ghaliex l-art ghandha tigi kunsidrata bhala agrikola u ggib il-kumpens ta' Lm190.

3. Il-Perit Paul Camilleri ghall-intimati ghamel stima ta' Lm2000. Xehed fis-seduti tat-12 ta' Ottubru, 2001 u tal-24 ta' Jannar 2003. Stqarr quddiem il-Bord:

"jiena stmajtha a bazi tal-market value. Jiena niddefinixxi din l-art esproprjata bhala art agrikola pero' fil-vicinanzi ta' bini. Jiena ma bqajtx nikkonsidra jekk l-art kienetx fabbrikabbli a bazi tal-qisien stipulati mill-ligi sabiex art tkun kkunsidrata bhala fabbrikabbli, pero' l-art originarjament kellha access minn triq pubblika fis-sens li kienet fit-tarf taghha."

4. Tressqu provi bil-fomm kif ukoll dokumenti.

5. Il-Bord hu marbut bil-ligi u dan qed jinghad minhabba dak li gie sottomess bil-quddiem.

6. Il-Periti mqabbla mill-Bord wara li ezaminaw ix-xhieda, in bazi ghall-artikolu 27 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta waslu ghall-konkluzzjoni li l-art hija wahda agrikola u jisthoqqilha l-kumpens ta' Lm750. Il-Bord hu marbut bil-

kalkoli tal-periti li ghalhekk jaghmel ir-relazzjoni tieghu li hija parti shiha minn din is-sentenza.

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jaghmar lill-intimati li jghaddulu b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art tal-kejl ta’ madwar 4302 metri kwadri li tinkludi tlett ibjar, zewgt ikmamar u kamra gdida, li tmiss mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Fortunata Abela u ohrajn, mill-grigal ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Mercieca u mix-xlokk ma’ triq pubblika mill-liema art l-intimati jippossjedu bicca art tal-kejl ta’ madwar 281.74 metri kwadri, li tmiss mill-lvant u mill-punent ma’ triq pubblika u mit-tramuntana u minn nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Giuseppi Mercieca bil-kumpens ta’ Lm750;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala nutar tar-rikorrent jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar it-tlettax (13) ta’ Settembru, 2006 fid-9:00a.m; jahtar lil Dottor Karl Briffa biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord, ghandhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord. L-ispejjez tal-mandati ta’ ‘tahrika ta’ xhieda kontra l-perit Frederick Valentino li r-rikorrent seta’ facilment itellghu biex jixhed jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------